# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum il-25 ta' Lulju 2019**

Appell numru 33 tal-2019

**Il-Pulizija**

**vs**

**-OMISSIS-**

Il-Qorti :

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra OMISSIS ta' 42 sena bin XXXXX u XXXXX nee' XXXXX, imwieled Ruma fil-25 ta' Settembru, 1973, residenti "XXXX", XXXX u detentur tal-karta tal-identita' numru XXXXX u li ġie mixli talli f' dawn il-Gżejjer, u ġewwa XXXX, f' xi żminijiet bejn Ottubru tas-sena 2010 u Novembru tas-sena 2015 : -

> B'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l- istess dispozizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:
>
> 1. B' ghemil zieni, kkorrompa persuna taht l-eta' u cioe' lill-OMISSIS1 ID: XXXXX liema delitt sar bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-eta' ta' tnax-il sena

kif ukoll sar minn persuna li mqar ghal xi zmien kienet giet fdata il-minuri sabiex jiehu hsieba, jedukaha, jghallimha, jindukraha u jew izommha.

2. U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi ippartecipa f' attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-eta' u cioe' OMISSIS1 ta' ID: XXXXX;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta tal-vittma OMISSIS1.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet genitlment mitluba li jekk jidrilha xieraq tordna ordni ta' trattament skond Art 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-provvediment tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mogħti nhar l-20 ta' Settembru 2017 fejn dik il-Qorti ċaħdet it-talba magħmula mid-Difiża matul is-seduta tat-23 ta' Mejju 2017 sabiex il-minuri OMISSIS1 terġa' tiġi mismugħa mill-psikologa dott. Veronica Ellul Federici u dan għaliex f'dawk l-aħħar xhur u wara li kienet xehdet quddiem il-Qorti, il-minuri OMISSIS1 kienet iltaqgħet mal-imputat u kelmitu. Dik il-Qorti tenniet li ma kienux jirriżultaw raġunijiet speċjali u eċċezjonali li jindikaw li l-minuri kellha terġa' tinstemgħa mill-ġdid jew minn dik il-Qorti jew altrimenti mill-psikologa.

Rat ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-1 ta' Frar 2019 li permezz tagħha dik il-Qorti ikkunsidrat is-segwenti : -

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti li kellha l-opportunita' li tisma' lil OMISSIS1 tixhed quddiemha viva voce bil-procedura tal-videoconferencing tinsab moralment konvinta li din ix-xhud qed tghid il-verita' u fl-ebda hin ma kellha raguni il-ghala tiddubita mill-kredibilita' ta' din ix-xhud. Din il-Qorti setghat ukoll tikkonstata li l-minuri kienet dejjem konsistenti fil-verzjoni tal-fatti minnha moghtija kemm meta tkellmet mal-Pulizija, kif ukoll fis-seduti li kellha mal-psikologa nominata fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali u mbaghad meta xehdet quddiem din il-Qorti.

Illi stabbilit dan il-punt dwar il-kredibilita' tal-minuri din il-Qorti sejra issa tghaddi sabiex tikkunsidra jekk il-fatti kif rakkuntati mill-minuri jinkwadrawx ruhhom fir-reati ta' korruzzjoni ta' minuri u partecipazzjoni f'attivita' sesswali ma' minuri li bihom jinsab akkuzat l-imputat.

*<u>L -Ewwel Imputazzjoni</u>*

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputat qieghed jigi akkuzat talli b'ghemil zieni kkorrompa persuna taht l-eta' cjoe lil OMISSIS1 liema delitt sar bi hsara ta' persuna Ii ma ghalqitx l-eta' ta' tnax -il sena- kif ukoll sar minn persuna li mqar ghal xi zmien kienet giet fdata il-minuri sabiex jiehu hsieba, jedukahha, jghallimha, jindukraha jew izommha.

Dwar ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni li bih jinsab akkuzat l-imputat il-Qorti tixtieq l-ewwel u qabel kollox taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f'sentenza tat-8 ta' Jannar 1996 fil-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs Thomas Wiffen' fejn dwar l-element materjali ta' dan ir-reat il-Qorti qalet is-segwenti:

"For the completed offence, and apart from the formal element of the offence, there must be the lewd act ("atto di libidine") and the actual defilement. The lewd act may be committed either on the person or in the presence of the minor. All acts which either of their very nature or of the circumstances in which they are performed are directed to the indulgence of the sexual appetite either of the agent or of the victim and are capable of arousing the sexual interest of the victim, are lewd acts for the purposes of the offence in question."

Dwar ir-rekwizit tal-korruzzjoni per se I-istess Qorti tal-Appell fl-imsemmija sentenza qalet hekk:-

"As to the requirement of actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge -- the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases -- taking into account all the circumstances of the case including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts. Appellant, in his application, states that in order that

one can speak of actual defilement "at least the curiosity or the interest of the minor should have been aroused", so that "if the minor is already strong-willed enough and rejects even the least advance by the offender" then, always according to appellant, there is no actual defilement. Now, whereas the minor's reaction is a fact to be taken into account, it is not the sole criterion, nor indeed the most important criterion, of whether or not there has been actual defilement."

U l-istess Qorti kompliet tghid:

"In other words if the acts in question are lewd acts in the sense above defined, that is are apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then, in the absence of any indication that the said passive subject has not been affected by those acts -- for example, because he or she was, to some degree, already depraved -- whoever has to judge the facts may reasonable conclude that there was actual or effective defilement."

Illi fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju ssir riferenza ghac-cirkostanzi aggravanti ta' dan ir-reat konsistenti li persuna li fuqha jsir id-delitt m'ghalqitx l-eta ta' tnax -il sena jew inkella d-delitt sar bi vjolenza kif ukoll bl-aggravanti Ii d-delitt sar minn persuna Ii lilu imqar jekk ghal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jindukrah jew izommu.

II-Professur Mamo fin-Noti tieghu Notes on Criminal Law, jelenka tlett elementi ta' dan r-reat u cioe:

1. l-eta' tal-vittma li ghandha tkun inqas minn tmintax -il sena;
2. l-element materjali tar-reat u cioe' l-atti impudici maghmula jew fuq il-vittma jew fil-presenza tal-vittma;
3. il-korruzzjoni tal-minorenni.

II-Professur Mamo jirrittjeni li:

"For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed, does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed according to our law, if the victim is under twelve years of age, that is reason for aggravating the crime ... In other words if the acts in question are lewd acts, that is apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then in the absence of any indication that the said passive subject has not been affected by these acts, for example because he or she was to some degree already depraved whoever has to judge the facts may reasonably conclude that there was actual or effective defilement."

llli din il-Qorti jidrilha li fil-kaz odjern jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex jitqies li jissussisti r-reat in dizamina. L-agir tal-imputat li kien igieghel

lill-minuri taghmillu massaggi waqt li jkun minghajr hwejjeg liema massaggi kienu jinvolvu anki l-parti genitali tieghu u li f'xi okkazzjonijiet kien ukoll jaghmel massaggi fuq il-persuna taghha u jmiss il-parti genital tieghu rna taghha ghandhom jitqiesu bhala atf libidinuzi. Dan l-agir beda meta l-minuri kellha biss disa' snin u ma hemmx dubju li l-effett li kellhom fuq il-minuri kien wiehed ta' korruzzjoni anki ghaliex l-imputat kien is-sieheb ta' ommha u missier huha. Mill-provi rrizulta wkoll Ii l-minuri kienet tithalla mal-imputat minn ommha sabiex huwa jiehu hsiebha waqt Ii hija kienet qed tkun ix-xoghol u rrizulta wkoll Ii kien hemm okkazzjoni fejn huwa heddiha li ser ihalliha minghajr ikel jekk hija tirrifjuta li taghmel certu affarijiet mieghu.

*It- Tieni Imputazzjoni*

Illi permezz tat-tieni mputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat talli ppartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-eta bic-cirkostanzi aggravanti. Dan ir-reat kontemplat fl-Artiklu 204C(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie ntrodott fis-sistema legali taghna bl-Att XXXI tas-sena 2007 kif sussegwentement emendat bl-Att IV tas-sena 2014 u bl-Att XIII tas-sena 2018 u jikkontempla:

204C. (1) Kull min jippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax-il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn hames snin sa ghaxar snin.

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs Raisa Mangion" deciza fit-23 ta' Lulju 2014 fejn intqal:-

Il-ligi ma taghtix definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi attivitajiet sesswali pero' huwa maghruf li dawn l-atti jrid ikollhom bhala minimu certu element ta' sess sabiex l-atti jissejhu attivitajiet sesswali u ghalhekk m'hemmx dubju li ghandu jkun hemm l-uzu ta' l-organi sesswali tal-persuni nvoluti fir-relazzjoni. Ghalhekk mhux kwalsiasi att bejn zewg minn nies f'relazzjoni tista tissejjah attivita sesswali bhal per ezempju tghanniqa jew koppja lambranzetta, jew addirittura 'flirting' ma jistax jissejjah attivita sesswali.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Louise Calleja) vs Omissis" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Settembru 2015 ikkunsidrat is-segwenti atti bhala atti li jaqghu taht it-terminu 'attivita sesswali':-

Ghalhekk jirrizultaw it-tlett elementi sabiex jirnexxi r-reat stipulat taht l-artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta huma li l-persuna tkun taht l-eta' (Ghalkemm fl-att ta' akkuza jindika lill-minuri li ghandha tlettax-il sena irrizulta li hija kellha erbatax-il sena) tajjeb li jingliad li llum il-gurnata l-artikolu 203 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi ghal persuni 'taht is-sittax-il sena', l-eghmil zieni tant li l-minuri hadet pjacir u t-tielet element l-att tal-korruzzjoni, f'dan il-kaz kif deskritt mill-minuri kkonsista f'tmesmis tal-partijiet privati ossia s-sider u l-vagina, l-intromissjoni tas-subghajh gewwa l-vagina tal-minuri u l-egakulazzjoni

barra u fil-prezenza tal-minuri. Liema atti jikkonsistu f'partecipazzjoni f'attivitajiet sesswali kif jistipula l-artikolu 204C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fil-kaz in dizamina ma hemmx dubju li l-atti li sehhew bejn l-imputat u l-minuri jikkonsistu f'attivita' sesswali ghaliex waqt il-massaggi kien ikun hemm ukoll massaggi tal-organi sesswali kemm tal-imputat kif ukoll tal-minuri u ghalkemm il-minuri spjegat li qatt ma kien hemm penetrazzjoni l-imputat kien imiss il-parti genitali tieghu ma' taghha u kien ikun hemm ukoll atti ta' masturbazzjoni.

L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati anki tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat l-eta' zghira tal-minuri meta bdew isehhu l-affarijiet bejnha u bejn l-imputat, kif ukoll il-fatt li huwa aprofitta ruhu mill-pozizzjoni ta' fiducja li kellu fl-ambitu familjari tal-minuri u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva. Il-Qorti tippreciza li applikat il-pieni in vigore fiz-zmien meta sehhew ir-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tat-18 t' Ottubru, 2016 u senjatament l-Artikoli 17, 18, 31, 203(1)(a)(c), 204C(1), 208AC(1)(b)(d)(e) u 208AC(2)(a) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tliet (3) snin prigunerija.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti ihallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta' Elf, tlett mija, sitta u tmenin Ewro u seba' centezmi (€1386.07) liema ammont jirraprezenta I-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' sentejn (2) milium fejn il-persuna protetta hija OMISSIS1 u dan taht il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

Il-Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur.

Sabiex tigi protetta l-identita' tal-minuri l-Qorti tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-minuri u tal-familja taghha u ta' isem l-imputat fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' OMISSIS preżentat minnu nhar il-5 ta' Frar 2019 fejn huwa stqarr is-segwenti: -

**L-Ewwel Aggravju**

15. Gurnata fost ohrajn ftit qabel Settembru 2017, b'kumbinazzjoni l-appellanti ltaqa mal-mimuri u din xejritlu u qaltlu *ciao pappi.* L-appellanti kien sbalordit kif il-minuri li xehdet kif xehdet fil-konfront tieghu kienet tant leggera fil-konfront tieghu.

16. Dan il-fatt skatta it-talba tal-appellanti li wassal ghall-provvediment tal-Ewwel Onor. Qorti tal-20 ta' Settembru 2017 fejn il-Qorti cahdet it-talba tal-appellanti sabiex l-espert nominat jerga jisma lill-minuri.

17. Din in-cahda kienet ghal kollox fallaci u cahdet b'mod assolut id-drittijiet tal-appellanti.

18.Il-pern tal-fatti ta' din il-kawza huwa biss il-kredibilita' tax-xhieda - anzi l-kredibilita' tal-minuri. L-Ewwel Onor. Qorti wasslet sabiex tiddikjara li kienet moralment konvinta li l-minuri kienet qed tghid il-verita' u sahansitra ma ghamlet assolutament ebda accenn dwar il-kredibilita' jew meno tal-appellanti.

19. Mhux tali hekk, talli fid-dikjarazzjoni taghha dwar il-kredibilita' tal-minuri addirittura tiddikjara (fol 9 l-ewwel paragrafu tas-sentenza) illi l-minuri kienet konsistenti kemm mal-pulizija, kemm mal-espert psjikologa, kif ukoll mal-Qorti.

20. Minghajr ma nidlu fil-fatt illi anki l-appellanti kien dejjem konsistenti, fin id-dikjarazzjoni tal-Ewwel Qorti turi kemm kien importanti l-provvediment tal-20 ta' Settembru 2017.

21.Inpoggu kollox fil-kuntest tieghu - wara li l-Ewwel Onor. Qorti ghamlet l-analizi taghha waslet ghal dikjarazzjoni ta' htija u piena ta' tlett snin prigunerija.

22. Kollox fuq il-kredibilita' tal-minuri - u l-konsistenza taghha. Meta l-fatt li ssemma "ciao pappi" tislija qisha xejn mhu xejn giet quddiem l-Ewwel Onor. Qorti, l-istess Qorti messha mal-ewwel ordnat li l-espert terga tezamina lill-minuri - jekk mhux addirittura terga tismaghha hi.

23.Il-provvediment jiddikjara un ma *jirrizultawx ragunijiet specjali* u *eccezzjonali Ii jindikar Ii I-min uri ghandha terga tinstema mill-gdid jew minn din il-Qorti jew altrimenti mill-esperta psikologa.*

24. L-appellanti, bir-rispett, din id-dikjarazzjoni ma jistax jifhimha. Jekk il-kaz kollu (nirrepeti) kollu huwa mibni fuq l-kredibilita', l-Ewwel Onor. Qorti ma setghetx tara kemm kien vitali li terga tisma lill-minuri biex din tispjegali ghaliex tkellmet mal-appellanti qisu xejn mhu xejn.

25. Ghaldaqstant l-appellanti jinsisti li anki f'dan l-istadju l-minuri ghandha terga tinstema wara li l-provvediment in mertu jigi revokat minn din l-Onor. Qorti tal-Appell.

**It-Tieni Aggravju**

26. It-tieni aggravju huwa marbut mal-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Onor. Qorti dwar il-fatti u l-ligi n mertu - primajrament is-sejbien ta' htija.

27. L-Ewwel Onor. Qorti sabet is-sejbien ta' htija billi kienet moralment konvinta illi l-minuri kienet tghid il-verita'.

28. OMISSIS wkoll kien dejjem konsistenti fil-verzjoni tieghu bid-differenza illi minhabba l-fatti tal-kaz huwa ma giex ezaminat minn psikologa.

29. Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza nostrana illi Qorti tal-Appell ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Mhux il-kaz ta' riferenza ghal gudikati ghaliex dan huwa principju stabbilit salv ghas-segwenti: *II-Qorti tal-appell ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-pro vi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-is tess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan issens "inter alia" l-Appell Kriminali* : "*Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.*" [12.5.94; "*Ir-Republika ta' Malta vs.* 12 *George Azzopardi*" [14.2.1989); "*Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace*" [31.5.1991}; "*Il-Pulizija vs. Anthony Zammit*" [31.5.1991} *u ohrajn.*

30. Huwa dan il-principju li jifforma l-bazi tal-appell tar-rikorrenti tenut kont tal-att dikjarat mill-Ewwel Onor. Qorti li sabet il-htija ghaliex kienet moralment konvinta li l-minuri ma kienitx qed tigdeb. II-kwistjoni ghalhekk kienet il-konvinciment morali.

31. Fl-argumentazzjoni taghha l-ewwel Onor. Qorti zbaljat ghaliex iddikjarat li kienet moralment konvinta li l-minuri ma kienitx qed tigdeb u waqfet hemm.

32. U l-appellanti?

33. L-Ewwel Onor. Qorti ma kellhiex tara wkoll li dana kien ukoll konsistenti fix-xhieda tieghu. Ma kellhiex tiddikjara jekk kieniet moralment konvinta jew le li l-appellanti kienx qed jigdeb. Dan huwa zball, bir-rispett kollu fatali.

34. Kif gie spjegat fuq l-Ewwel Onor. Qorti ghamlet spjegazzjoni tajba tax-xhieda moghtija izda ma dahlet imkien fl-analizi ta' dak li nghad kemm mill-appellanti kif ukoll mill-minuri. L-Ewwel Onor. Qorti kellha taghmel id-dikjarazzjoni taghha fir-rigward tax-xhieda certament ukoll konsistenti tal-appellanti.

35. Il-konsegwenza naturali tan-nuqqas ta' din id-dikjarazzjoni hija krejazzjoni ta' dubju ragjonevoli favur l-appellanti.

36. L-Ewwel Onor. Qorti strahet esklussivament fuq dak li kien konvinciment morali bir-rispett ma kienx bizzejjed f'kaz tant serju bhal dan. Kif tajjeb osservat il-Qorti fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismiijiet Il-Pulizija v Bernard Muscat u Mark Zahra "*Mhux rikjesti hafna provi u korroborazzjonijiet biex il-Qorti tasal ghal konvinciment skond I-ligi, izda bizzejjed prova wahda jekk din tasal biex tissodisfa r-rekwizit tal-konvinciment morali mill-htija tal-akkuzat.*"

37. L-appellanti jrid jaghmel l-argument illi meta Qorti tkun ser tghaddi biex issib htija unikament fuq konvinciment morali lil xi hadd mhux qed jigdeb allura huwa necessarju li l-istess tmur ferm oltre d-dikjarazzjoni semplici bhal dik tal-Ewwel Onor. Qorti f'dan il-kaz izda kellha taghmel analizi skjetta tal-fatti kollha anki tal-appellanti u l-konsistenza tieghu wkoll.

38. Hemm fatturi ohra li, bir-rispett kollu, jolqtu direttament dak li wasslet ghalih l-Ewwel Onor. Qorti bhala konvinciment morali:
a. Il-mod kif xehdet il-minuri fil-video conference. Din il-Qorti certament ser tara dan il-video. Il-minuri spjegat l-affarijiet b'mod tant ezatt li deher bic-car li kienet coached. Apparti dan xehdet daqs li kieku kienet qed tiehu kafe (l-ahjar espressjoni bl-ingliz kien ikun *flippant).*
b. Gjladarba l-Ewwel Qorti riedet toqghod biss fuq dikjrazzjoni ta' konvincement morali ma kienx sewwa li m'accettatx li terga tisma lil minuri. (Ir-ragument gja sar fuq).
c. L-akkuzi fil-konfront tal-appellanti hargu biss wara li spiccat ir-relazzjoni ta' bejn omm il-minuri u l-appellanti.

39. Ghaldaqstant l-appellanti jishaq li l-Ewwel Onor. Qorti kienet zbaljata meta sabet il-htija tieghu ghall-allegazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u sallum jistqarr Ii dawn mhux minnhom.

**It- Tielet aggarvju**

40. It-tielet aggravju huwa relatat mal-piena illi fl-umli opinjoni tal-esponenti kienet ferm gholja ghall-fatti addebitati tenut kont tal-fatti tal-kaz.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt li jaghmel referenza ghall-provi migjuba u jirriserva li jgib kull prova ohra permessa mil-Ligi, jitlob bil-qima li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell joghgobha:

i. Preliminarjament thassar u tbiddel is-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti billi tirrevoka l-provvediment moghti mill-Ewwel Onor. Qorti fl-20 ta' Settembru 2017 u tordna illi l-minuri terga tinstema mill-gdid mill-Ewwel Onor. Qorti jew mill-espert nominat mill-Ewwel Onor. Qorti jew minn din il-Qorti tal-Appell stess skond kif jidher xieraq lil din l-Onor. Qorti u konsegwentement thassar s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onor. Qorti fl-1 ta' Frar 2019 u tirrinvia l-Atti lura skond il-kaz.

ii. Subordinatment thassar u tbiddel is-sentenza moghtija mill-Ewwel Onor. Qorti fejn sabet il-htija tal-appellanti u minflok tilliberah minn kull htija u piena.

iii. Subortonatament u bla pregudizzju ghas-suespost taghti piena aktar xierqa u gusta ghac-cirkostanti.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet lid-Difensuri tal-partijiet jittrattaw l-appell;

***Ikkunsidrat : -***

Illi f'dan il-każ il-pern tal-ewwel u t-tieni aggravji tal-appellant jistrieħu fuq kwistjoni ta' kredibbilta' tax-xiehda ta' xhieda li xehdu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Bħala Qorti tal-Appell Kriminali, il-funzjoni u s-setgħat ta' din il-Qorti ġew spjegati maġistralment fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] fejn intqal: -

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive***

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

Din hija Qorti ta' reviżjoni u mhux ritrattazzjoni. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, din il-Qorti terġa tanalizza l-provi u l-argumenti fattwali u legali li jkunu inġiebu quddiem il-Qorti tal-Prim' Istanza – iżda ma tagħmilx dan biex tissostitwixxi lilha nnifisha għall-Qorti tal-Prim'Istanza.

---

***Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti ta' Prim'Istanza.[2]

Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali operanti l-funzjoni ta' reviżjoni, tanalizza jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew prodotti u tal-argumenti fattwali u legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa f'dan is-sens u għaliex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet apprezzament leġittimu u raġonevoli tal-provi u tkun għamlet analizi korretta u raġonevoli tal-argumenti legali u fattwali imresqin quddiemha, din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa minn dik il-Qorti tal-Prim'Istanza.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tiġi konvinta li l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew tal-argumenti fattwali u legali imresqin quddiemha, b'mod li din il-Qorti tħoss li la jkun sigur u l-anqas sodisfaċenti tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, imbagħad din il-Qorti għandha s-setgħa li eċċezjonalment tiddisturba l-eżami, apprezzament, diskrezzjoni eżerċitata u deċiżjonijiet meħuda mill-Qorti tal-Maġistrati u tibdilhom skont il-każ.

***Ikkunsidrat : -***

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

Illi l-ewwel aggravju jittratta l-provvediment meħud mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-20 ta' Settembru 2017 fejn dik il-Qorti ċaħdet it-talba magħmula mid-Difiża matul is-seduta tat-23 ta' Mejju 2017 sabiex il-minuri OMISSIS1 terġa tiġi mismugħa mill-psikologa dott. Veronica Ellul Federici u dan għaliex f'dawk l-aħħar xhur u wara li kienet xehdet quddiem il-Qorti, il-minuri OMISSIS1 kienet iltaqgħet mal-imputat u kelmitu. Dik il-Qorti tenniet li ma kienux jirriżultaw raġunijiet speċjali u eċċezjonali li jindikaw li l-minuri kellha terġa tinstemgħa mill-ġdid jew minn dik il-Qorti jew altrimenti mill-Psikologa.

Għal dan l-aggravju l-Avukat Ġenerali laqgħa billi qal li l-Qorti kienet ċara fid-deċiżjoni tagħha. Il-Kummissarju tal-Pulizija kien oppona immedjatament it-talba li kienet tresqet mid-Difiża u dan in bażi għall-artikolu 391(3) tal-Kodiċi Kriminali li jgħid li: -

> (3) Meta x-xhud ikun minuri ta' taħt is-sittax-il sena, ix-xhud għandu jiġi eżaminat u kontro-eżaminat f'seduta waħda u x-xiehda tiegħu għandha tiġi reġistrata b'mezzi awdjo-viżivi. Ir-reġistrazzjoni awdjo-viżiva għandha tkun tagħmel parti mill-inkartament tal-proċedimenti:
>
> Iżda għal raġunijiet speċjali u eċċezzjonali li jinqalgħu wara li x-xhud ikun ta x-xhieda tiegħu, il-Qorti tista' tawtorizza s-smigħ tal-istess xhud f'xi seduta oħra wara.

L-Avukat Ġenerali stqarr li l-minuri hija persuna vulnerabbli li għadha minuri u li għaddiet minn trawma. Hija kienet irrakkuntat l-istorja tagħha quddiem diversi nies, uffiċjali tal-Pulizija, psikologa u l-Qorti. Din ix-xhud ma kellhiex terġa' tgħaddi minn trawma mill-ġdid. L-Avukat Ġenerali saħaq li f'Malta l-possibbilita li l-vitma tiltaqa' mal-imputat hija waħda reali, għalkemm din kienet sitwazzjoni li kellha tiġi evitata. Kien għalhekk li l-Qorti ħadet id-deċiżjoni tagħha. Meta ratu u selmitlu bl-

espressjoni *"ciao papi"* il-minuri kienet biss qegħda turi li għaliha l-appellant kien jirrappreżenta figura paterna. Biss l-Avukat Ġenerali saħaq li ma kienet saret ebda konversazzjoni bejniethom.

L-Abbli Difensur tal-appellant minn naħa tiegħu tenna li fl-2017 l-appellant kien iltaqa' mal-minuri u x'ħin ratu din sejħitlu billi wżat l-espressjoni *"ciao papi"*. Jgħid li dan kien kuntrastanti immens mas-sustanza tax-xiehda tagħha sentejn qabel fejn l-Avukat jgħid li hija kienet *very flippant* tant li ddeskriviha li waqt li kienet qed tixhed kienet qisha qegħda tieħu kafe! Jistqarr li dan kien aġir għal kwantu stramb meta jitqies dak li xehdet. Peress li dawn il-fatti ma kienux magħrufa meta sar il-kontro-eżami tal-minuri, l-Avukat saħaq li kien hemm ħtieġa li din il-Qorti terġa' tisma' lill-minuri u dan biex jiġi pruvat li l-minuri gidbet meta kienet qed tixhed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta). L-Abbli Difensur saħaq li l-minuri kienet tidher ċar li kienet taf x'inhi tgħid tant li tenna li hija kienet ġiet *coached* x'tgħid.

***Ikkunsidrat : -***

Illi għalkemm mill-verbal tas-seduta tat-23 ta' Mejju 2017 (fol 288) ma jirriżultawx wisq dettalji dwar dan l-inċident, u l-anqas ma jirriżultaw wisq dettalji mir-rikors (*sic! risposta*) in opposizzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija a fol 292, u minkejja li kemm l-Avukat Difensur kif ukoll l-Avukat Prosekutur itennu li l-minuri waqt dan l-allegat inkontru mal-appellant kienet użat l-espressjoni *"ciao papi"*, mix-xiehda tal-appellant stess, a fol

313, jirriżulta li l-espressjoni allegatament użata mill-minuri kienet differenti. OMISSIS jixhed hekk : -

> Sono successi i due fatti uno pratticamente quando lavoravo in Valletta ho incontrata, incrociata io ho realizzato un Giorno dopo che fosse lei perche ho sentito la bambina che mi salutava dice ciao tato. Ciao tato mi chiamava solo lei. Il secondo fatto e' stato l'incontro telefonico che io ho avuto con il padre di cui ho la registrazione in cui la bambina accusava la madre di aver creato tutto questo e di avere forzato la mano, che lei anzi voleva incontrarmi non aveva nessun problema con me.

Minn din is-silta jirriżultaw żewġ fatturi importanti għal dan il-każ. L-appellant jgħid li l-minuri f'dan l-inkontru selmitlu bl-espressjoni "*ciao tato*". Fil-lingwa Taljana mitkelma kontemporanea l-espressjoni hija differenti minn "*ciao papi*". L-espressjoni "*ciao papi*" hija espressjoni infantili li tintuża f'kuntest affettiv bejn wild, tipikament, għalkemm mhux esklussivament femminili, fil-konfront tal-missier jew figura paterna. L-espressjoni "*ciao tato*" hija kemxejn differenti minn "*ciao papi*". Fil-fatt il-***Garzanti Linguistica*** jispjega din l-espressjoni b'dan il-mod : -

> tato (fam.) voce del linguaggio infantile per indicare un altro bambino o anche un adulto, con il quale il bambino abbia una certa confidenza.[3]

Inoltre skont id-dizjunarju ***Treccani,*** tato għandha wkoll tifsira speċifika li tindika wkoll it-tip ta' relazzjoni bejn l-appellant u l-minuri :

> **tata** s. f. e m. [duplicazione della sillaba *ta*, consueta nel balbettio e nel richiamo dei bambini, già presente nel lat. *tata* (masch., «papà» e «balio»), nel gr. τάτα, τατᾶ e τέττα (con usi analoghi all'ital. *tata* e *tato*) e fin nel sanscr. *tatah*] (pl. m. -*i*). – Voce infantile, usata con sign. diversi nelle varie parti d'Italia: **a.** Al femm., per indicare la balia, la bambinaia, la governante, la sorella maggiore o, più

[3] <https://www.garzantilinguistica.it/ricerca/?q=tato> aċċessata 20 ta' Lulju 2019.

> genericam., la donna, diversa dalla madre, che si prende cura di un bambino. **b.** Al masch., region. e raro per indicare il padre (v. anche tato): *aveva mandato a Napoli il figliuolo maggiore, con qualche soldo, ad assistere suo padre, il suo «tata», come là si dice* (De Amicis).
>
> **tato** s. m. [tratto da *tata*]. – Voce infantile usata in alcune regioni d'Italia per indicare il babbo, il fratello e ogni altra persona di sesso maschile, spec. se di giovane età, che si prende cura del bambino.[4]

Jekk dan l-episodju seħħ tassew, l-istqarrija "*ciao tato*" tkun kompatibbli mas-sitwazzjoni li kienet teżisti ta' bejn l-appellant u l-minuri. L-espressjoni *ciao tato* hija forma ta' lingwaġġ infantili li verosimilment setgħa ntuża minn tfajla adoloxxenti bħall-minuri f'dan il-każ fil-konfront tal-appellant in kwantu kompatibbli mal-fatt li bejn il-minuri u l-imputat appellant kien hemm ukoll ċerta kunfidenza, li ebda parti f'dan il-każ ma tiċħad. Id-diverġenza bejn il-partijiet hija safejn din il-kunfidenza bejn il-minuri u l-appellant kienet laħqet waslet.

Il-Qorti ma tqisx li jekk il-minuri setgħet verament, *incrociandosi* mal-imputat il-Belt Valletta, selmet lill-appellant bl-espressjoni "*ciao tato*" din kienet ċirkostanza li tammonta għal raġuni speċjali u eċċezzjonali tali li kienet tkun teħtieġ li l-minuri terġa tiġi mismugħa mill-ġdid fuq dak li hija rrakkuntat diversi drabi qabel. Wara kollox dik ir-reazzjoni tal-minuri, jekk verament seħħet, kienet kompatibbli mat-tifsira tal-espressjoni *tato* in kwantu l-appellant kien għal żmien konsiderevoli t-*tato*, ossija badanti tagħha, u li fl-ebda ħin ma wriet xi animożita partikolari fil-konfront tal-appellant, għalkemm fix-xiehda tagħha tirrikonoxxi li rrealizzat, issa li

[4] <http://www.treccani.it/vocabolario/tato/ > aċċessata 21 ta' Lulju 2019.

bdiet tikber, u tifhem, li dak li kien għamlilha w ġegħelha tagħmel l-appellant ma kienx sew.

Fix-xiehda tiegħu l-appellant ma jgħidx jekk kienx semgħa din l-espressjoni tintuża b'ton affettiv jew ġietx mistqarra lilu b'mod ironiku jew skerzuż.

It-tieni punt importanti li joħroġ minn din is-silta, u li setgħet tagħtiha kredibbilta akbar, huwa li l-appellant tenna bil-ġurament li huwa kellu reġistrazzjoni ta' telefonata skambjata ma missier il-minuri. Biss din ir-reġistrazzjoni telefonika tant importanti ma ġietx preżentata fl-atti ta' din il-kawża.

***Ikkunsidrat : -***

Illli l-minuri kienet diġa xehdet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fejn stqarret bil-ġurament l-esperjenzi mistqarra minnha quddiem il-Maġistrat stess. Dan seħħ wara li l-minuri kienet diġa fetħet qalba ma' ħbieb tagħha w t'ommha, mal-Pulizija u mal-Psikologa u eventwalment anke m'ommha. Il-preokkupazzjoni mistqarra mill-Avukat Ġenerali dwar il-fatt li l-minuri, jekk terġa tkun kostretta tixhed jew titkellem mal-psikologa tkun suġġetta għal trawmatizzazzjoni mill-ġdid hija waħda verosimili u kondiviża.

Għalkemm l-appellant iħoss li x-xiehda tal-minuri wara dak l-allegat episodju kienet meħtieġa, il-Qorti trid tevalwa din it-talba mhux biss fid-dawl ta' dak li jistqarr u jħoss l-appellant iżda wkoll fid-dawl ta' dak li minuri xehdet li għaddiet minnu, ta' kemm il-darba kienet stqarret l-istorja tagħha u ma' min, kif ukoll ta' dak li kien, sa dak il-punt, irriżultalha li kienet il-verżjoni tal-imputat dwar il-każ. F'każijiet delikati u serji bħal dawn, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni kemm il-jeddijiet tal-appellant kif ukoll dawk tal-minuri. Dan qiegħed jingħad għaliex l-iżviluppi li saru fil-kamp tal-ġustizzja kriminali u dawk tad-drittijiet tal-bniedem fuq dan il-punt huma notevoli. Mill-***Guide on article 6 of the Convention – Right to a fair trial (criminal limb)*** tal-Kunsill tal-Ewropa[5] fir-rigward ta' dan il-punt ġie mistqarr is-segwenti : -

> β. Witnesses in sexual abuse cases
>
> 481. Criminal proceedings concerning sexual offences are often conceived of as an ordeal by the victim, in particular when the latter is unwillingly confronted with the defendant. These features are even more prominent in a case involving a minor. In assessing whether the accused received a fair trial, the right to respect for the private life of the alleged victim must be taken into account. Therefore, in criminal proceedings concerning sexual abuse, certain measures may be taken for the purpose of protecting the victim, provided that such measures can be reconciled with the adequate and effective exercise of the rights of the defence. In securing the rights of the defence, the judicial authorities may be required to take measures which counterbalance the handicap under which the defence operates (Aigner v. Austria, § 37; D. v. Finland, § 43; F and M v. Finland, § 58; Accardi and Others v. Italy (dec.); S.N. v. Sweden, § 47; Vronchenko v. Estonia, § 56).
>
> 482. Having regard to the special features of criminal proceedings concerning sexual offences, Article 6 § 3 (d) cannot be interpreted as requiring in all cases that questions be put directly by the accused or his or her defence counsel through cross-examination or by other means (S.N. v. Sweden, § 52; W.S. v. Poland, § 55). Relatedly, the Court has held that since a direct confrontation between the defendants charged with criminal offences of sexual violence and

[5] <https://www.echr.coe.int/Documents/Guide_Art_6_criminal_ENG.pdf > Edizzjoni tat-30 t'April 2019 - aċċessat 20 ta' Lulju 2019.

> their alleged victims risks further traumatisation of the victm, personal cross-examination by defendants should be subject to the most careful assessment by the national courts, the more so the more intimate the questions are (Y. v. Slovenia, § 106).
>
> 483. However, this does not mean that measures related to the protection of victims, particularly the non-attendance of a witness to give evidence at the trial, are applicable automatically to all criminal proceedings concerning sexual offences. There must be relevant reasons adduced by domestic authorities for applying such measures and, as regards the possibility of excusing a witness from testifying on grounds of fear, the trial court must be satisfied that all available alternatives, such as witness anonymity and other special measures, would be inappropriate or impracticable (Al-Khawaja and Tahery v. the United Kingdom [GC], § 125; Lučić v. Croatia, § 75).
>
> 484. The accused must be able to observe the demeanour of the witnesses under questioning and to challenge their statements and credibility (Bocos-Cuesta v. the Netherlands, § 71; P.S. v. Germany, § 26; Accardi and Others v. Italy (dec.); S.N. v. Sweden, § 52).
>
> 485. The viewing of a video recording of a witness account cannot alone be regarded as sufficiently safeguarding the rights of the defence where no opportunity to put questions to a person giving the account was given by the authorities (D. v. Finland, § 50; A.L. v. Finland, § 41).

Fil-kuntest aktar il-fuq deskritt, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha fil-provvediment tagħha tal-20 ta' Settembru 2017 in kwantu minn dak il-ftit li jirriżulta mill-atti dwar dan l-allegat episodju, ma kienx hemm biżżejjed provi li jwasluha tikkonkludi li kien hemm dawk ir-raġunijiet **speċjali u eċċezzjonali** li teħtieġ il-Liġi biex terġa' ssejjaħ lil minuri biex tixhed jew titkellem mal-Psikologa fuq dak li allegat li sarilha.

Konsegwentement dan l-aggravju qiegħed jiġi respint u t-talba qegħda tiġi miċħuda.

***Ikkunsidrat : -***

Illi fil-meritu, l-ilment prinċipali tal-appellant huwa wkoll bażat fuq il-kredibbilita tax-xiehda tax-xhieda imresqa f'dan il-każ.

L-Avukat Ġenerali tenna li dan kien każ ta' delikatezza kbira. L-aktar xiehda importanti u peżanti kienet ix-xiehda tal-minuri u tal-imputat appellant. Il-Qorti tal-Maġistrati ma analizzatx biss ix-xiehda tal-minuri iżda stħarġet ukoll ix-xiehda tal-appellant u rat li fuq xaqliba kien hemm l-appellant, li kien raġel adult u matur, filwaqt li fuq ix-xaqliba l-oħra kien hemm il-minuri. Dik il-Qorti kellha quddiemha żewġ xenarji – biss ikkonkludiet li l-aktar li kienet konsistenti kienet dik preżentata mill-minuri in kwantu kienet ukoll korroborata minn xiehda oħra. Ma kien hemm ebda inkonsistenza bejn il-verżjoni tal-minuri u x-xiehda l-oħra, għajr dik tal-appellant. Ir-relazzjoni tal-psikologa dott. Ellul Federici kienet issaħħaħ bi sħiħ il-verżjoni tal-minuri. Il-minuri xehdet bil-*video-conference facilities* u kienet ċara fi kliemha u fl-imġieba tagħha fir-rigward ta' dak li kien għamlilha l-appellant.

L-Avukat Ġenerali ma qabilx li l-minuri kienet qed tixhed qisha kienet qegħda tieħu kafe. Iżda l-minuri kienet qegħda tixhed b'mod li kien jidher li taf x'inhi tgħid. Għalkemm l-Avukat Ġenerali jirrikonoxxi li bejn l-appellant u omm il-minuri kien hemm relazzjoni li spiċċat, dan ma jfissirx li dak li xehdet il-minuri kien frott ta' *coaching* jew ritaljazzjoni.

L-Avukat Ġenerali jisħaq li l-appellant ma kienx konsistenti fix-xiehda tiegħu meta mqabbel mal-istqarrija tiegħu. Ġibed l-attenzjoni għal dak li

l-appellant stqarr a fol 307 fix-xiehda tiegħu u dak li qal a fol 9 fl-istqarrija. Dan kien fattur li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet ħadet in konsiderazzjoni. L-appellant qatt ma semma' fl-istqarrija tiegħu li huwa kien jilbes ix-*shorts* meta kienu jsirulu l-massaġġi. Anzi l-Avukat Ġenerali saħaq li fl-istqarrija huwa jgħid li kien għarwien. B'riferenza għal meta l-appellant u l-minuri ħadu doċoċ flimkien, fl-istqarrija l-appellant qatt ma semma' li kien hemm xi problema bil-pompa tal-ilma. L-Avukat Ġenerali kkonkluda li s-sejbien ta' ħtija f'dan il-każ kien korrett u li l-piena inflitta kienet waħda mogħtija skont il-Liġi.

L-appellant minn naħa tiegħu jilmenta li l-Qorti ta' Prim'Istanza straħet b'mod għami fuq il-verżjoni tal-minuri u ma għamlet ebda apprezzament dwar dak li stqarr l-appellant li, l-Avukat Difensur itenni li kien konsistenti fil-verżjoni tiegħu. L-abbli Difensur jisħaq li l-kuntest tal-veraċita u konsistenza ma kienetx prerogattiva tal-minuri. L-appellant kien daqstant ieħor konsistenti f'dak li qal kemm fl-istqarrija kif ukoll fid-deposizzjoni tiegħu. L-appellant itenni li jekk iż-żewġ verżjonijiet kienu jirriżultaw li kienu kredibbli u konsistenti, il-Qorti tal-Maġistrati kellha tillibera lill-imputat u mhux issibu ħati in kwantu dan il-fattur kien iwassal għal dubju dettat mir-raġuni dwar dak li verament seħħ, liema dubju kellu jiġi interpretat biss favur tal-appellant. L-Abbli Difensur jirreferi għas-sentenza ***Miller vs Minister of Pensions***[6] fejn kien intqal is-segwenti : -

> Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of

---

[6] [1947] 2 All ER 372 -

> justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice.

L-appellant jikkontendi li f'dan il-każ ma kienx hemm biżżejjed provi li juru li l-minuri kienet qegħda tgħid il-verita. Ma kienx biżżejjed jingħad li l-minuri kienet konsistenti jew li kienet eżaminata minn Psikologa. Il-fatt li l-minuri kienet konsistenti ma jfissirx li hija ma kienetx qegħda tigdeb.

L-appellant saħaq li l-verżjoni tal-minuri u l-mod kif xehdet magħquda mal-kuntest li hija ħarġet bil-verżjoni tagħha fih, fejn ir-relazzjoni bejn ommha u l-appellant kienet spiċċat, kienet wisq suspetta biex Qorti tkun tista' tistrieħ fuqha. Il-provi prodotti ma kienux jippruvaw il-każ lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in kwantu l-każ setgħa jmur kemm naħa kif ukoll oħra. F'dan il-każ jekk il-kejl tal-Qorti tal-Maġistrati kien biss bażat fuq il-konsistenza, hija kellha tillibera lill-imputat u mhux issibu ħati.

***Ikkunsidrat : -***

Illi l-Qorti tal-Maġistrati għamlet analiżi dettaljata tal-provi li semgħet quddiemha, kif ukoll eżaminat il-punti ta' dritt pertinenti u ċċitat ġurisprudenza fuq is-suġġett preċiż qabel ma waslet għas-sentenza tagħha. Il-Qorti ta' Prim'Istanza kellha l-verżjonijiet tal-imputat fuq naħa u dik tal-minuri fuq in-naħa l-oħra. Bejn il-verżjoni tal-minuri u tal-appellant hemm diskrepanzi; iżda mhux daqstant dwar jekk kienux jiġu

prestati massaġġi mill-minuri fuq il-persuna tal-appellant, jew jekk l-appellant kienx joqgħod jipprattika n-nudiżmu u jdur għarwien fid-dar fejn kien jgħix. Dawn jidher li qablu fuqhom kemm il-minuri kif ukoll ġew mistqarra u ammessi mill-appellant. Dawn l-episodji ta' nudiżmu fid-dar quddiem tifla ta' eta żgħira, nonche massaġġi magħmula minn tifla ta' ċirka disa' snin fuq il-persuna ta' raġel adult - li ma kienx missierha, iżda s-sieħeb t'ommha - diġa minnhom infushom huma indikazzjonijiet li jagħtu stampa ta' ċertu laxkezza u diżinvoltura fil-komportament sesswali adottata mill-appellant b'mod ġenerali u inkluż fil-preżenza tal-minuri.

Dawn huma provi li jridu jittieħdu in konsiderazzjoni fil-kuntest kollu ta' dak li sawwar dan il-każ u dan biex il-Qorti tifhem il-kuntest li fihom l-allegazzjonijiet magħmula mill-minuri ġew magħmula. Huma provi li minnhom infushom juru li l-appellant ma qagħadx iħabbel rasu jew jiskrupla wisq li jdur għarwien fid-dar li kien jgħix fiha fil-preżenza ta' tifla minuri ta' madwar disa' snin, u x'impatt dan l-aġir setgħa jkollu fuq din il-minuri. Bniet ta' dik l-eta ma jkunux għal kollox insensittivi, inkonsapevoli jew għomja għal ċerti aspetti sesswali fil-ħajja tal-bniedem.

Apparti dan, jekk il-Qorti żżomm dak li stqarr li għamel l-appellant fix-xiehda tiegħu u fl-istqarrija tiegħu, il-pern tal-kwistjoni f'dan il-każ huwa safejn l-appellant kien wasal fl-avventura tiegħu li jqabbad lil bint is-sieħba tiegħu ta' madwar disa' snin, biex tipprestalu servizzi ta' massaġġi fuq ġismu, kemm meta kien ikun waħdu magħha u kemm meta ma kienx; kif ukoll x'għamel jew safejn l-appellant kien wasal li jagħmel taħt id-doċċa ma' din it-tifla – liebes il-ħwejjeġ jew mhux.

Il-verżjonijiet tal-imputat fil-fatt ma jikkontradiċux għal kollox dak li stqarret il-minuri. Anzi. L-imputat jikkonferma li kienu jsiru massaġġi fuq ġismu mill-minuri, iżda dawn il-massaġġi ma kienux isiru fuq partijiet intimi tal-ġisem tal-appellant u fi kwalunkwe każ qatt ma kien hemm tokkament ta' partijiet intimi tiegħu da parti tal-minuri – għajr ħlief għal episodju waħdieni fejn l-imputat jgħid li l-minuri sfjorat b'idejha parti mit-testikoli tiegħu u fejn huwa jgħid li kien irrabja magħha.

Fi ftit kliem l-appellant jiċħad li kien hemm massaġġi magħmula fuq ġismu bil-modalita u bl-atti kif deskritti mill-minuri. Jiċħad ukoll li huwa ppratika massaġġi fuq ġisem il-minuri jew li qatt mess il-partijiet intimi tagħha. Mill-banda l-oħra ma jiċħadx li l-minuri ġieli kienet ratu għarwien, jekk mhux ukoll bil-pene erett fejn f'ċirkostanza minnhom kien jidher li ħalla impressjoni fuq il-minuri tant li din ikkummentat ukoll dwar id-daqs tal-pene erett tiegħu.

Din il-verżjoni ma tikkontradix dak li qalet il-minuri. Jekk xejn, paradossalment, issaħħaħha. Il-Qorti ma taqbilx li l-minuri xehdet b'mod li kien qisha qegħda tieħu kafe jew *flippant*, kif deskritt mill-abbli Avukat Difensur. Verament li hija tidher tifla li għandha *parola facile*. Mir-reġistrazzjoni tal-*video-conference* eżebita fl-atti, li din il-Qorti fliet, kien jidher ċar li l-minuri deheret li fehmet l-importanza li tgħid il-verita u l-konsegwenza li tigdeb bil-ġurament. Il-minuri kienet kapaċi titkellem luċidament dwar l-esperjenza tagħha u kienet ċara fi kliemha. Kien hemm mumenti fejn kienet tidher mexxejja fir-rakkont tagħha filwaqt li mumenti oħra dehret li qed issir xi ftit aktar anzjuża. Fejn rat li setgħet ma kienetx

korretta fuq xi dettall wriet li kienet rrealizzat dan u kkoreġiet jew preċiżat dak li kienet stqarret qabel. Il-Qorti tal-Maġistrati setgħet tara l-*body language* tagħha li kien kompatibbli ma dak li kienet qegħda tgħid u mal-mod ta' kif kienet qed iġġib ruħha waqt li kienet qegħda tixhed fis-sens li kien kompatibbli mar-reazzjoni ta' persuna li tkun intebħet li tkun għamlet żball li jkun irid jiġi kkoreġut.

Altrimenti l-minuri kienet skjetta u preċiża fid-deskrizzjoni li tat dwar l-imġieba tal-appellant meta kienet tipprestalu l-massaġġi fuq ġismu midluk biż-żejt, inkluż it-tokkamenti tal-pene u l-ġestikulazzjoni magħmula minnha meta tiddeskrivi dan kif jidhru fil-*video-recording*, u tagħti dettalji li ma ħareġ xejn mill-pene. Il-minuri kienet ċara wkoll fil-modalita li kienet tuża meta tagħmel il-massaġġi lill-appellant nonche l-post fejn dan kien isir. Daqstant ieħor kienet ċara fuq dak li tgħid li l-appellant kien ipprattika fuq ġisimha stess, inkluż, massaġġi fuq ġisimha nonche tokkamenti vaġinali, inkluż bil-pene. L-istess jista' jingħad għal dawk id-drabi fejn hi u l-appellant kienu jieħdu doċċa flimkien u dak li kien iseħħ.

Spjegat li hija kienet riluttanti li titkellem dwar dak li kien seħħ. Tgħid ukoll li meta kibret ftit aktar irrealizzat li dak li kien għamel magħha l-appellant ma kienx sew. Tgħid ukoll li meta kienet kibret aktar u l-appellant kien talabha tagħmillu l-massaġġi, hija ma kienetx disposta li tagħmel bħal qabel inkwantu issa kienet adoloxxenti u għarfet li dawk ma kienux prattiċi li kellhom isiru bejn adult u minuri.

Jiżdied li l-minuri kienet ċara wkoll anke fuq l-episodju meta l-appellant ħakk il-pene tiegħu mal-parti vaġinali tagħha. Interessanti li l-minuri tispjega li kien hemm dan it-tokkament iżda ma żżidx dettalji inutli jew li jaggravaw il-posizzjoni tal-appellant billi, ad eżempju, tgħid li kien hemm sforzar minnu fuq il-parti vaġinali tagħha jew li kien hemm xi forma ta' bidu ta' penetrazzjoni vaġinali. Xejn minn dan. Spjegat li ħakk, mess il-pene tiegħu mal-parti tagħha u eskludiet li kien hemm penetrazzjoni. Dan ukoll huwa fattur importanti li juri l-*forma mentis* tal-minuri. Ma żiedetx dettalji aktar komprometttenti fir-rigward tal-appellant, iżda rrapurtat dak li hija sostniet li għaddiet minnu, u xejn aktar. Fi ftit kliem ma kellhiex sentiment ta' riżentiment tali kontra l-appellant li bih riedet issalbu akkost ta' kollox. F'dan il-każ ma ġarax hekk. Il-minuri ddeskriviet dak li għaddiet minnu, mingħajr ma żiedet dettalji żejda jew li jqegħdu lill-appellant f'posizzjoni aktar gravi. Dan ikompli jżid mal-kredibbilita tal-minuri.

***Ikkunsidrat : -***

Illi f'dawn il-każijiet huwa ferm diffiċli li jkun hemm elementi korroboranti diretti dwar l-atti sesswali li jkunu saru bejn tnejn minn nies, in kwantu l-episodji jkunu saru f'kuntest domestiku bejn erba' ħitan u fejn, fl-istragrande maġġoranza tagħhom ma jkunx hemm nies oħra preżenti. Għalhekk minn għewl id-dinja li dawn il-każijiet ikunu jiddependu fuq

verżjonijiet taż-żewġ persunli li jkunu involuti, u li bosta drabi jkunu konfliġġenti, jekk mhux ukoll dijametrikament opposti.

Kif stqarrew l-Abbli Avukati, dawn huma każijiet delikati ħafna u huma każijiet serjissimi, li jikkontaminaw l-innoċenza, b'riskju ta' ħsara fuq l-imġieba u l-iżvilupp sesswali tal-minuri li jkun jista' jaffettwahom għal matul ħajjithom kollha, b'detriment għalihom infushom u għal dawk li jiġu in kuntatt magħhom matul il-ħajja tagħhom. Daqstant huma serji. Kif intqal minn Lord Hoffman fil-każ ***Re B (Children) (Sexual Abuse):***[7]

> If a legal rule requires a fact to be proved, (a 'facts in isue') a judge or jury must decide whether or not it happened. There is no room for finding that it might have happened. The law operates a binary system in which the only values are 0 and 1. The fact either happened or it did not. If the tribunal is left in doubt, the doubt is resolved by a rule that one party or the other carried the burden of proof. If the party who bears the burden of proof fails to discharge it, a value of 0 is returned and the fact is treated as not having happened. If he does discharge it, a value of 1 is returned and the fact is treated as having happened.

Il-Qorti tal-Maġistrati kellha l-fakulta li tara b'għajnejha u tisma' b'widnejha kemm lill-minuri kif ukoll lill-imputat appellant. Hija kienet f'qagħda ottima li tagħmel dik l-analiżi li hija meħtieġa li ssir skont il-prinċipji stabbiliti fl-artikoli 637 u 638 tal-Kodiċi Kriminali, u li huma l-għodda prinċipali li għandhom dawn il-Qrati meta jiġu biex jiddeċiedu prinċipalment fuq l-attendibbilita u kredibbilta' ta' xiehda.

L-artikolu 637 jgħid li:

> L-eċċezzjonijiet dwar waħda jew oħra mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-deċiżjoni titħalla

[7] 2009, 1 AC 11.

> fid-diskrezzjoni ta' mingħandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ:
>
> Iżda attenzjoni partikolari għandha tingħata sabiex jiġi assigurat li evidenza relatata mal-istorja u l-imġiba sesswali tal-vittma ma tkunx permessa sakemm ma tkunx relevanti u neċessarja.

Aktar minn hekk l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali iżid li :

> (1) Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti.
>
> (2) B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.

Din il-Qorti, tikkonċedi li għalkemm kien hemm diskrepanzi bejn il-verżjonijiet tal-minuri u tal-appellant, fatt li kien ukoll jidher ġja quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, skont dak mgħallem minn din il-Qorti, diversament presjeduta fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara*** deċiża nhar id-9 ta' Settembru 2002 :

> Pero` din il-Qorti m'ghandhiex dubbju li l-ewwel qorti taf ben tajjeb li fil- kamp penali gudikant irid ikun moralment konvint mill-htija ta' dak li jkun biex jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor skond il-ligi, provvediment, pero`, li jimporta kundanna. Meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg versjonijiet konfliggenti (bhalma hemm f'dan il-kaz) jistghu jigru zewg affarijiet: jew il-gudikant ikun tal-fehma li l- kaz tal-prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement pruvat, u allura ghandu jillibera; jew, jekk ikun moralment konvint li l-versjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta, u, jekk dik il- versjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor kif inghad. Hu evidenti minn qari tas-sentenza kollha kemm hi li, f'dan il-kaz, l-ewwel qorti accettat il-vesjoni tal-mara u skartat dik tar-ragel; u li a bazi tal-versjoni tal-mara kienu ghalhekk jirrisultaw pruvati l-ewwel, it-tieni u r- raba' imputazzjonijiet.

Dan l-insenjament ġie wkoll segwit fis-sentenza ***Il-Pulizija v. Joseph Thorne*** mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar id-9 ta' Lulju 2003:

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux.

Dil-Qorti rat li l-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet dan l-eżerċizzju t'analiżi tax-xiehda tax-xiehda skont dawk il-kriterji u waslet għall-konklużjoni tagħha li tistrieħ fuq il-verżjoni tal-minuri.

L-appellant jargumenta li l-fatt li l-minuri kienet konsistenti ma jfissirx li hija kienet qegħda tgħid il-verita'. U hekk hu. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jista' jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu. U huwa għalhekk li l-Liġi **ma teħtieġx** li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-sufficjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, huwa biżżejjed li l-Qorti tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni.

Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat. Iżda biex tkun tista' ssib ħtija, il-Qorti trid tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[8] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi li jitresqu quddiemha. U l-Qorti trid toqgħod aktar attenta fil-mod ta' kif tanalizza tax-xiehda akkużatriċi ta' xhud uniku u meta tiġi biex tistrieħ fuqha.

Il-grad ta' suffiċjenza probatorja *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni* huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż ***Majid,***[9] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence,*** Adrian Keane u Paul McKeown[10] jgħidu s-segwenti : -

---

[8] R v Majid, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[9] ibid.
[10] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

Sabiex tara jekk dan il-livell ta' sufficjenza probatorja intlaħaqx din il-Qorti trid, inter alia, tara fejn u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

**Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.**

F'dan il-każ, peress li x-xiehda li tikkomprometti l-posizzjoni tal-appellant hija dik ta' minuri, biex il-Qorti tkun mgħejjuna tiżen aħjar ix-xiehda tal-minuri, matul l-istadju tal-inkjesta maġisterjali, ġiet maħtura psikologa

biex tkun tista' teżamina lil minuri u tevalwa kemm il-minuri kienet tifhem u tagħraf dak li tkun qed tgħid, u tistabbilixxi bi kriterji tekniċi u xjentifiċi kemm wieħed ikun jista' joqgħod fuq dak li tkun qed tgħid il-minuri.

Ir-rwol tal-espert psikologu mhux dak li jissostitwixxi l-analiżi li jkun irid jagħmel min jiġġudika l-fatti. Ir-rwol tal-psikologu mhux li jevalwa l-provi u jasal għall-konklużjoni jekk dak li qed jgħid il-minuri hux minnu jew le. Ir-rwol tal-psikologu huwa li jiddetermina b'eżami u b'metodi xjentifiċi kemm wieħed ikun jista' jorbot fuq dak li l-minuri tkun qegħda tgħid mill-mod kif titkellem, tirrakkonta, tirreaġixxi, ġġib ruħha u twieġeb għall-mistoqsijiet u eżerċizzji li jsirulha mill-psikologu li jkun qiegħed jeżamina l-kapaċitajiet u l-abbiltajiet li tiftakar u tirrakkonta l-fatti bi preċiżjoni u b'dettall u kemm tkun temmen f'dak li tkun qed tgħid għax ikun seħħ u mhux għax tkun qed tiffantasizza jew timmaġina.

Jibqa' imbagħad il-kompitu esklussiv ta' min ikun irid jiġġudika l-fatti li jkun irid jagħrbel dik ix-xiehda tal-minuri; u mbagħad minn dik ix-xiehda, magħquda ma evidenza diretta jew indiretta oħra li tkun tresqet quddiemu matul il-proċess, jiddetermina jekk jemminx lil minuri jew jekk jemminha, f'xiex u safejn jemminha. Min jiġġudika l-fatti huwa ħieles li jemmen il-verżjoni tal-minuri kollha jew parti minnha jew ma jemminhiex. U safejn jemmen din ix-xiehda, min jiġġudika l-fatti jkun jista' joqgħod fuqha bħala prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.

F'dan il-każ, irrispettivament minn dak li rrelatat il-psikologa, irriżulta lill-Qorti tal-Maġistrati li x-xiehda tal-minuri bil-*video-conferencing,* kemm fiha nnifisha, kif ukoll meta mqabbla u mgħarbla ma xiehda oħra fil-proċess (bħax-xiehda t'ommha, jekk mhux ukoll tal-appellant) ma kienetx biss konsistenti, iżda kienet ukoll kredibbli. Il-Qorti tal-Maġistrati rat li l-verżjoni mogħtija mill-minuri kienet b'saħħitha biżżejjed li, magħquda mal-provi l-oħra, kkonvinċietha li l-minuri kienet qegħda tgħid il-verita. Jekk dik il-Qorti kienet konvinta, *sure,* li l-minuri kienet qed tgħid il-verita, allura dan iwassal għall-konklużjoni loġika li Qorti setgħet tikkonkludi li l-fatti kif mistqarra minnha kienu seħħew verament.

Meta imbagħad jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud minuri, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tagħha, u jekk ix-xiehda tal-minuri hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dik il-Qorti setgħet leġittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li temmen dak li kienet qegħda tgħid il-minuri u dan peress li jirriżulta li l-minuri kienet konvinċenti ħafna. U kif qal Lord Hoffman il-fatt jew seħħ jew ma seħħx. Jekk il-minuri ġiet emnuta mill-Qorti tal-Maġistrati, allura l-Qorti bilfors kellha tikkonkludi li l-imġieba tal-appellant fuqha seħħet, bil-konsegwenzi li dan inissel minnu.

Mill-analiżi psikoloġika magħmula mill-psikologa dott. Veronica Ellul Federiċi fuq il-minuri jirriżulta li :

> To conclude, it appears that OMISSIS1 believes that her allegations are true. She appears to be an effective witness and was consistent and congruent in her disclosures with the undersigned. Although in cases of alleged sexual abuse the likelihood of reaching a definite conclusion as to whether the abuse has occurred

> or not is remote, a thorough analysis of the clinical interviews indicate that on the balance of probability the most likely hypothesis is that the minor is truthful.

Din ir-relazzjoni ttieħdet ukoll in konsiderazzjoni mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-analiżi tagħha tal-każ u li eventwalment waslet biex sabet ħtija fl-appellant in bażi għax-xiehda tal-minuri. Stando ma dak li rrelatat il-psikologa, aktar iva milli le, l-ipoteżi l-aktar verosimili hija li l-minuri kienet veritjiera f'dak li kienet qegħda tgħid. Dan ifisser li bħala konsegwenza, a *contrario sensu*, aktar iva milli le, l-psikologa teskludi li l-minuri kienet qegħda tigdeb meta stqarret l-istorja tagħha. Din ir-relazzjoni kompliet saħħet fuq bażi xjentifika dak li dik il-Qorti kienet rat, semgħet u kkonkludiet fuq bażi fattwali li rat quddiemha stess u li għarblet hi stess dwar l-imġieba, karattru u l-kondotta tal-minuri, dwar il-konsistenza u l-veraċita u fattizzi oħra tax-xiehda tal-minuri kif imsaħħa minn xiehda oħra fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

Dik il-Qorti qieset li x-xiehda tal-minuri kienet ta' min jorbot fuqha, u qisitha prova valida u sħiħa skont dak li mbagħad isemmi l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali. Il-mument li l-Qorti tal-Maġistrati għażlet, kif kellha l-jedd li tagħmel, li fil-kuntest kollu tal-provi mresqa f'dan il-każ, temmen il-verżjoni li tat il-minuri, skont il-kriterji msemmija aktar il-fuq, allura qieset dik il-verżjoni tal-minuri bħala prova sħiħa u kompluta b'mod li ħassitha konvinta żgura moralment, *sure*, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-fatti storiċi seħħew kif irrakkuntat il-minuri u mhux kif stqarr l-appellant. Il-minuri wriet li kienet ukoll konsapevoli mill-konsegwenzi li jitnisslu jekk tixhed il-falz. Minkejja dan hija xorta għażlet li tixhed u tirrakkonta l-istorja tagħha, b'mod ċar u konvinċenti, fejn

akkużat lill-appellant b'reati serji immens, li tagħhom konsegwentement instab ħati.

Wara li din il-Qorti eżaminat sewwa dawn il-provi u l-argumenti kollha imresqin f'dan il-każ, hija tara li in bażi għal dawn il-provi u l-argumenti, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet leġittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha meta sabet ħtija fl-appellant.

Din il-Qorti ma għandhiex xi żżid mal-konsiderazzjonijiet ta' dritt li għamlet il-Qorti tal-Maġistrati fir-rigward tal-elementi tar-reati kontestati lill-appellant u li minnha ġie misjub ħati tagħhom.

Għalhekk it-tieni aggravju tal-appellant qiegħed jiġi respint.

***Ikkunsidrat -***

Illi kwantu għall-piena li ġiet inflitta, dil-Qorti tinnota li l-Qorti tal-Maġistrati żammet mal-minimu erogabbli f'każijiet ta' din is-serjeta. Fil-fatt l-imputazzjonijiet huma ċirkoskritti fi spazju temporali li jmur bejn l-2010 u l-2015. Matul dak iż-żmien l-artikolu 203(1)(a)(c) tal-Kodiċi Kriminali kien iġorr piena li tvarja minn tliet snin priġunerija sa sitt snin priġunerija.[11] Dan juri li fuq sejbien ta' ħtija taħt dan l-artikolu biss il-Qorti tal-Maġistrati setgħet teroga piena li fil-minimu riedet bilfors tkun ta' tliet snin priġunerija u dan jirrifletti s-serjeta li l-Liġi tqis f'dawn ir-reati.

[11] Dan l-artikolu ġie emendat bejn l-2017 u l-2018 liema emendi mhux qed jiġu meqjusa f'dan il-każ.

Imbagħad fuq sejbien ta' ħtija fuq l-artikolu 204C(1) tal-Kodiċi Kriminali, bejn l-2010 u l-2014 il-Qorti setgħet tagħti piena ta' mhux aktar minn sentejn priġunerija. Bl-Att IV tal-2014 din il-piena żdiedet għal mhux aktar minn ħames snin priġunerija.[12] Iżda fiż-żmien rilevanti għal dan il-każ, il-piena xorta kienet tiżdied bi grad meta r-reat kien kommess taħt iċ-ċirkostanzi li huma msemmija fl-artikolu 208AC(1)(b)(d)(e)(2)(c) tal-Kodiċi Kriminali.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti tqis li l-piena erogata mill-Qorti tal-Maġistrati kienet ta' tliet snin priġunerija, fil-minimu assolut, u din il-Qorti ma tistax issa tmur taħtha.

## *Konklużjoni*

Għall-motivi premessi, din il-Qorti qegħda tiċħad l-appell interpost minn OMISSIS u tikkonferma s-sentenza appellata.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***

[12] Wara dan l-Att kienet saret emenda fl-2018 li mhux qed tiġi meqjusa f'dan il-każ.